**Linja Telefonika ta' Sapport rigward COVID-19 għall-Persuni Akbar fl-Età**

Hu importanti li nissapportjaw persuni akbar fl-età matul il-coronavirus. Il-Linja Telefonika ta' Sapport rigward COVID-19 għall-Persuni Akbar fl-Età tgħin persuni akbar fl-età, il-maħbubin tagħhom u l-kerers tagħhom jibqgħu kkonettjati u jkomplu jirċievu s-servizzi li għandhom bżonn matul il-pandemija. Il-linja telefonika ta' sapport toffri għajnuna u pariri prattiċi.

Int tista' titgħallem dwar ir-restrizzjonijiet tal-coronavirus, tikseb tagħrif dwar is-servizzi ta' sapport tal-kura tal-anzjani jew titkellem ma' xi ħadd dwar is-saħħa mentali.  Persuni li huma mħasbin dwarhom stess, xi ħabib/ħabiba jew membru tal-familja li qed jgħix bid-dimenzja, jistgħu jitkellmu ma' persuna li toffri parir u li hi mħarrġa ta' Dementia Australia fuq il-linja telefonika ta' sapport.

Il-linja telefonika ta' sapport tinsab hemm biex tgħin persuni akbar fl-età, il-qraba, il-kerers, il-ħbieb tagħhom u dawk li jagħtuhom sapport. Is-servizz bla ħlas bit-telefown hu miftuħ mit-Tnejn sal-Ġimgħa, barra l-vaganzi pubbliċi, mit-8.30am sas-6pm. Tista' ċċempel lil-linja telefonika tas-sapport fuq **1800 171 866**.

Jekk tippreferi li titkellem bl-lingwa oħra barra l-Ingliż, jista' jgħinek interpretu. Ċempel lis-Servizz tat-Traduzzjoni u tal-Interpretar fuq **131 450** u staqsi għall-lingwa tiegħek. Int tista' titlobhom bil-lingwa tiegħek jikkonettjawk mal-Linja Telefonika dwar Covid-19 ta' Sapport tal-Persuni akbar fl-Età.

**Skema tal-Viżitaturi Komunitarji**

L-Iskema tal-Viżitaturi Komunitarji tipprovdi lill-Awstraljani akbar fl-età ħbiberija, kumpann u konnessjoni soċjali. Hi ġġieb flimkien persuni u voluntiera biex iqattgħu ħin magħhom, fuq bażi regolari. Matul il-coronavirus, dan jista' jkun permezz tat-telefown jew vidjo fejn il-viżiti wiċċ imb wiċċ ma jkunx possibbli minħabba distanzjar fiżiku.

Il-kuntatt regolari mal-voluntiera jista' jgħin lill-persuni iħossuhom li hemm xi ħadd li qed jismagħhom u jissapportjaw lil dawk li jħossuhom iżolati jew li huma weħedhom. L-Iskema tal-Viżitaturi Komunitarji hu servizz bla ħlas għall-persuni akbar fl-età li bħalissa qed jirċievu jew qed japplikaw għall-kura fid-dar jew residenzjali li hi ffinanzjata mill-gvern.

Persuni akbar fl-età jistgħu jirreferu lilhom infushom għall-Iskema tal-Vizitaturi Komunitarji. Ir-referimenti jistgħu jsiru wkoll mill-provvedituri tal-kura tal-anzjani, membri tal-familja jew ħbieb. Biex tikseb aktar tagħrif, żur www.health.gov.au/community-visitors-scheme

Editorial #9 - Older persons COVID-19 Support Line - 12092020 - Maltese

**Il-benesseri mentali**

Il-Coronavirus ifisser li rriżulta  għall-ħafna tibdiliet għall-mod kif ngħixu. Jekk titkellem mal-membri tal-familja u mal-ħbieb jew mat-tabib tiegħek dan jista' jgħinek jekk qed tħossok imħasseb, waħdek, konfuż jew imbeżża'. Għal aktar tagħrif, u għal firxa wiesgħa ta' servizzi ta' sapport, żur www.headtohealth.gov.au

**Għal aktar tagħrif**

Hu importanti tikseb aktar tagħrif minn sorsi uffiċjali. Żur www.health.gov.au/resources/translated jew ċempel lill-Linja Telefonika tal-Għajnuna dwar il-Coronavirus fuq **1800 020 080**.

Niżżel l-app COVIDSafe li joffri għajnuna żżomm lill-membri tal-familja, lill-ħbieb u lill-membri tal-komunità tiegħek fis-sigurtà. Barra minn bl-Ingliż, il-COVIDSafe app issa jista' jinkiseb bl-Arbi, iċ-Ċiniż Simplifikat u Tradizzjonali, il-Vjetnamiż, il-Korejan, it-Taljan, il-Grieg, il-Punjabi u t-Tork.  L-App jista' jitniżżel mill-ħanut tal-Apple App jew mill-ħanut tal-Google Play. Int tista' titlob lill-membri tal-familja jew lill-ħbieb jew lill-istaff tal-kura tal-anzjani jgħinuk tniżżel l-app.